MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 117/2003

Domenico sive Savio Spiteri

vs

Grace Attard u b'digriet tad-9 ta' Settembru 2004 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Patrick Attard stante l-mewt ta' Grace Attard fil-mori tal-kawza u Patrick Attard

Il-Qorti,

Ic-citazzjoni tal-attur tghid:

Illi b'digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fit-30 ta' Ottubru 2003 fuq rikors ta' Grace Attard u ta' Patrick Attard fl-atti tas-subbasta numru 13/2002 fl-ismijiet "Grace Attard et vs Savio Spiteri et" gie ordnat il-bejgh in licitazzjoni ta' l-immobbli konsistenti f'fond numru 9, gja numru 8 u aktar qabel numru 1, Triq ir-Rabat,

Xlendi, limiti tal-Munxar, Ghawdex, liema subbasta tinsab appuntata ghall-24 ta' Novembru 2003 mid-9.00am sa 12.00pm;

Illi dan il-bejgh in licitazzjoni m'ghandux jissokta f'dan l-istadju stante illi l-istanti Domenico Savio Spiteri kien diga' pprezenta kawza fis-17 ta' Jannar 1997 fl-ismijiet "Domenico Savio sive Savio u Theresa sive Tessie konjugi Spiteri vs Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja …, Grace armla ta' George Attard, Patrick Attard u Direttur tar-Registru Pubbliku" (citazzjoni numru 8/1997) li fiha l-Qorti qeghdha tintalab tiddeciedi, inter alia: (1) illi l-atti tas-subbasta numru 23/1996 huma nulli; (2) illi l-ammont ta' Lm5,000 pretizi m'humiex dovuti. Is-subbasta numru 13/2002 tirreferi ghall-istess fatti u cirkostanzi li ghalihom kienet tirreferi s-subbasta numru 23/1996, u cioe' kuntratt datat 25 ta' Settembru 1993 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani;

Illi l-precitata kawza ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, u ghalhekk il-bejgh in licitazzjoni ma jistax u m'ghandux isir f'dan l-istadju qabel ma l-ewwel tigi deciza l-kawza li fiha l-attur ddeduca l-pretensjonijiet tieghu;
Illi dan jaghti lok ghat-twaqqif tal-bejgh bl-irkant ai termini ta' l-Artikolu 326 tal-Kap 12;

Illi flimkien ma' din it-talba l-attur qed ihallas f'idejn ir-Registratur somma illi fil-fehma ta' dan hija bizzejjed biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez li jsiru minhabba t-twaqqif;

Talab ghaliex ghar-ragunijiet premessi l-Qorti m'ghandhiex:

1. tordna t-twaqqif tal-bejgh in licitazzjoni ossija irkant fl-atti tas-subbasta numru 13/2002 ai termini ta' l-Artikolu 326(2) tal-Kap 12 sakemm tigi deciza l-kawza citazzjoni numru 8/1997 u dana peress illi l-kawza li fiha l-attur iddeduca l-pretensjonijiet tieghu dwar il-bejgh in licitazzjoni tal-fond fi Triq ir-Rabat, Xlendi, ghadha ma gietx deciza;

2. izzomm lill-konvenuti milli jirriproponu jew jissukktaw bl-irkant sakemm tigi deciza l-kawza citazzjoni numru 8/1997;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tar-rikors tal-14 ta' Novembru 2003 fl-atti tas-subbasta numru 13/2002 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa maghha l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew:

1. Illi d-domandi attrici qed jigu kkontestati mill-konvenuti bhala nfondati fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi ma hux minnu li tezisti xi citazzjoni ohra bejn il-partijiet rigwardanti l-istess kreditu. Difatti c-citazzjoni numru 8/1997 li ghaliha qed jirreferi l-attur tirrigwarda kreditu kompletament divers naxxenti minn kuntratt iehor liema kreditu effettivament gie saldat mill-attur innifsu fil-mori ta' din il-kawza. Kien proprju ghalhekk li l-esponenti ma baqghux jinsistu dwar din is-subbasta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet taghha fejn ordnat it-trasfuzjoni tal-atti f'isem Patrick Attard stante l-mewt ta' Grazia Attard fil-mori (folio 21);

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u dokumenti kollha kompriz in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi t-talbiet tal-attur f'din il-kawza huma cari u specifici. Jitlob: l-ewwel, li jitwaqqaf il-bejgh in licitazzjoni ordnat bis-subbasta numru 13/2002 sakemm tigi deciza l-kawza citazzjoni numru 8/1997; it-tieni, li li l-konvenut jinzamm milli jipproponi jew jissokta bl-irkant sakemm tigi deciza l-kawza citazzjoni numru 8/1997.

Illi c-citazzjoni 8/1997, ma' liema din il-kawza kienet miexja kontestwalment, giet illum deciza. Kwindi l-bazi ta' din il-kawza stante li t-talbiet fiha gew assoggettati ghal 'sakemm tigi deciza dik il-kawza citazzjoni numru 8/1997', illum ma jsibux fundament.

Ghalhekk, u stante li din il-Qorti m'ghandha xejn xi tghid aktar oltre dak li gja qalet anka fil-kawza citazzjoni 8/1997, li ddecidieta illum stess, qeghdha konsegwentement tiddeciedi u tiddisponi issa minn dina l-kawza billi tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------